# QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 49/2024/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Ionut-Iulian Tanase**
**Dan-Andrei Tanase**
**Ilie Constantin**

Illum 29 ta' April 2025

Il-Qorti,

1. Rat l-Att ta' Akkuża kontra l-akkużati:

**Ionut-Iulian Tanase**, detentur tal-Karta tal-Identita' Rumena bin-Numru RK843721,

**Dan-Andrei Tanase**, detentur ta' Passaport Rumen bin-Numru 061901550, u

**Ilie Constantin**, detentur tal-Karta tal-Identita' Rumena bin-Numru RK059078,

li bih huma ġew akkużati mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta bis-segwenti:

**L-Ewwel (1) Kap**
**Omiċidju volontarju ta' Joseff Rivas**

**Talli nhar il-ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) ġewwa San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu lil Joseff Rivas jew li jqiegħdu il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunawlu l-mewt.**

**It-Tieni (2) Kap**
**Promozzjoni eċċ., ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali**

**Talli talli nhar il-ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data, ġewwa San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, appartjenew għal għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali.**

**It-Tielet (3) Kap**
**Għixien minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni**

**Talli nhar il-ħamsa (5) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data, ġewwa San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin, xjentement għixu, għal kollox jew f'parti, minn fuq qliegħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra.**

2. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużati Ionut-Iulian Tanase, Dan-Andrei Tanase, u Ilie Constanstin flimkien mal-Lista

tax-Xhieda u l-Lista ta' Dokumenti ppreżentata fil-25 ta' Settembru 2024.[1]

3. Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fl-20 ta' Diċembru 2024[2] għan-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużati Ionut-Iulian Tanase, Dan-Andrei Tanase, u Ilie Constanstin.

4. Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex tindaga dwar l-eċċezzjonijiet li jridu jiġu deċiżi.

5. Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

6. Illi din hija sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari li l-akkużati f'dan il-każ ressqu fin-Nota tagħhom hawn fuq imsemmija. Għal kull buon jingħad li l-atti tal-kumpilazzjoni f'dan il-każ huma tnejn: wieħed bin-numru 722/2022 li jirrigwarda lil Ionut-Iulian Tanase u Dan-Andrei Tanase u ieħor bin-numru 725/2022 li jirrigwarda lil Ilie Constantin.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni</u>**

7. Illi fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom, l-akkużati jeċċepixxu l-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz tax-xiehda ta' PC 813 Clinton Vella u tar-rapport minnu eżebit u li jingħad li ġie mmarkat bħala Dok. "CV 1" u dana minħabba li ma ngħata l-ebda inkarigu jew ġie nominat bħala espert fl-atti ta' din il-proċedura bil-fakulta' li jagħti opinjonijiet u/jew konstatazzjonijiet tekniċi u peritali. Fil-qiegħ tal-paġna fejn hemm din l-eċċezzjoni (*a fol.* 35), l-akkużati jindikaw li x-xiehda ta' PC 813 Clinton Vella ġiet mogħtija fl-1 ta' Lulju 2020 u jirreferu għal *a fol.* 479 *et seq*. tal-

[1] *A fol.* 35 *et seq.*
[2] *A fol.* 55 *et seq.*

proċess u jindikaw ukoll li r-rapport immarkat bħala Dok. "CV 1" jinsab *a fol.* 478 *et seq.*.

8. Illi fir-rigward tal-eċċezzjoni in eżami din il-Qorti tinnota li minn qari tal-atti proċesswali jirriżulta li fl-Att tal-Akkuża ssir riferenza għal data ferm wara dik indikata mill-akkużati fl-ewwel eċċezzjoni ossia l-1 ta' Lulju 2020. Apparti minn dan, minn ħarsa lejn *a fol.* 478 *et seq.* taż-żewġ kumpilazzjonijiet bin-Numri 722/2022 u 725/2022 u liema *a fol.* 478 *et seq.* isir riferenza għalih fl-eċċezzjoni, jirriżulta f'dawn il-paġni ma hemm l-ebda rapport mmarkat bħala Dok. "CV 1" ta' PC 813 Clinton Vella pero' fiż-żewġ kumpilazzjonijiet hemm ir-rapport tal-espert Keith Cutajar. Apparti minn dan, minn qari tal-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att tal-Akkuża ma hemm ħadd PC 813 Clinton Vella mniżżel bħala xhud. Għaldaqstant l-eċċezzjoni in eżami hija waħda assolutament bla bażi u b'hekk ser tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tieni Eċċezzjoni</u>**

9. Illi fit-tieni eċċezzjoni tagħhom, l-akkużati jeċċepixxu l-inammissibilta' ta' kull riferenza għal tagħrif ottenut mill-Pulizija u nkluż fil-*PIRS report* li huwa ammontanti għal *hearsay* in kwantu is-sors ta' dan it-tagħrif, ossia xhieda pajżana mhux magħrufa ma ma xehdux quddiem il-Qorti Istruttorja u lanqas ma jidher li huma mniżżla mill-Prosekuzzjoni bħala xhieda fil-Lista ta' Xhieda tal-Att ta' Akkuża u li minħabba f'hekk id-difiża tisħaq li hija fl-impossibilita' li tikkontrolla dan it-tagħrif bl-użu tal-kontro-eżami.

10. Illi dwar l-eċċezzjoni in eżami din il-Qorti tirrimarka li l-inammissibilita' ta' prova hija dipendenti fuq jekk hemmx xi dispożizzjoni tal-liġi li tistabbilixxi tali inammissibilita'. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Bugeja et** (Numru 09/2008) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "11. Illi fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova."

11. Illi rigward *hearsay evidence* jirriżulta b'mod ċar li tali evidenza tista' tkun ammissibbli. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et** (Numru 17/2022) fejn dwar *hearsay evidence*, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano l-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:
>
>> "21. Bir-rispett kollu, il-*hearsay rule* tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
>>
>> '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>>
>> 22. Fil-fatt fil-kawża **'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija'** il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta' dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-*hearsay* m'għadhiex stretta daqs qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **'AlKhawaja and Tahery versus the United Kingdom'** tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'paragrafu 130:

*'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in AlKhawaja's case and T's statement in Tahery's case.'*

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9-19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni tal-artikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

> 25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorrobora provi oħra. (Ara: **Subramianiam v. Public Prosecutor** (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).[3] Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ **'Al-khawaja vs. UK'** jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel ir-rapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.
>
> 26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kapitolu 12 res applikabbli għall-Kap. 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar."

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 ta' Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

> "Li l-artikoli relevanti dwar il-*Hearsay Rule* huma l-Artikoli 598 u 599 tal-Kap. 12 reżi

[3] "Archbold: 2003, paġna 1243, paragrafu 11-9."

applikabbli għall-Kap. 9 bl-Artikolu 645 tal-Kap. 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f'kawżi ta' natura kriminali huwa **Subramaniam v. Public Prosecutor** fejn insibu dan il-kliem:

*'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew *social worker*, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-Artikolu 599 tal-Kap. 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi l-każ **'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija'** (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti

kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun *hearsay*, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: **Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja**). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:

'Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 **'Il-Pulizija versus Fabio Schembri'** preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr. Silvio Camilleri)."

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-***hearsay evidence*** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

"Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li

> mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali leġittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.""

12. Illi għalhekk huwa ċar li anke jekk l-evidenza nkluża fil-*PIRS report* tikkostitwixxi *hearsay* din xorta hija ammissibbli. Meta l-akkużati jilmentaw dwar *hearsay evidence* huma jkunu qed jattakkaw il-valur probatorju tal-evidenza in kwistjoni. Dwar dan, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-9 ta' April 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Azzopardi** (Numru 26/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Minn dan it-tagħlim ġurisprudenzjali jirriżulta illi sta għall-Imħallef togat waqt il-ġuri sabiex jara illi ma jsirx abbuż u billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-ġurati rigward ir-regoli tal-*hearsay evidence*. Magħdud dan allura din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-eċċezzjoni sollevata mill-akkużat illi *a priori*, x-xhieda minnu ndikati huma inammissibbli. Illi fuq kollox għalkemm l-akkużat jilmenta illi x-xhieda minnu ndikati jikostitwixxu *hearsay evidence*, hu ma jindikax liema parti tax-xhieda huwa qiegħed isib oġġezzjoni għaliha u din il-Qorti ma tistax ċertament f'dan l-istadju teżamina l-atti

> bil-għan illi tagħmel apprezzament ta' dak li jingħad billi dan il-kompitu għandu jitħalla f'idejn il-ġurija popolari dejjem bis-salvagwardja illi kif ingħad jingħataw direzzjoni mill-Imħallef togat dwar l-ammissibilita' *o meno* ta' xi partijiet mix-xhieda.[4]"

13. Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat hija tinnota li minn qari tal-*PIRS Report* (Dok. "AS" – *a fol.* 247 *et seq.* tal-Kumpilazzjoni bin-Numru 722/2022) jirriżulta li l-kontenut fejn jirrelata ma' informazzjoni li tista' tkun *hearsay* ma hijiex ta' konsegwenza għall-akkużati stante li huma ma jiġux identifikati f'tali informazzjoni. Minbarra dan mill-istess rapport jirriżulta li kienu l-istess tliet akkużati li marru għand il-Pulizija wara l-akkadut u qalu li b'xi mod kienu nvoluti fil-ġlieda (*a fol.* 250 tal-Kumpilazzjoni bin-Numru 722/2022)).

14. Illi b'hekk isegwi li anke t-tieni eċċezzjoni tal-akkużati ser tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

**<u>It-Tielet Eċċezzjoni</u>**

15. Illi fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, l-akkużati jeċċepixxu l-inammissibilita' tad-*data extraction* mħejjija mill-espert tal-informatika Keith Cutajar minn fuq iċ-ċellulari b'*gold coloured protective cover*, li jingħad li ġie fiżikament mgħoddi lil PC 1523 Martin Micallef fuq ix-xena tad-delitt minn persuna mhux magħrufa u dana in kwantu ġiet interrotta ċ-*chain of custody* tal-istess oġġett f'varji istanzi mill-punt li ġie misjub minn persuna mhux magħrufa sal-mument li wasal għand l-espert Keith Cutajar.

16. Illi din il-Qorti tinnota li meta wieħed jilmenta dwar il-katina tal-evidenza huwa jkun qed jilmenta dwar il-valur probatorju tagħha. Dwar dan il-punt huwa d-dmir tal-Imħallef togat li jara li

[4] "Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Lebrun** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-31 ta' Jannar, 2018."

waqt il-ġuri jagħti d-direzzjoni neċessarja lill-ġurati kif għandhom iqisu tali evidenza. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Clayton Azzopardi** (Numru 28/2022) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "46. Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravju imressaq mill-appellant, il-Qorti terġa ttenni illi hemm distinzjoni bejn l-ammissibbilita' tal-evidenza u l-valur probatorju tagħha. Illi għalhekk huwa biss fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri illi jista' jkun stabbilit il-metodu kif l-marki tas-swaba kienu elevati, ippreservati u eżaminati u dan meta jixhdu l-esperti nominati, kemm fl-inkjesta kif ukoll fl-istruttorja, sabiex jagħmlu dan ix-xogħol. Ma tistax l-Qorti tiskarta evidenza *a priori* li hija rilevanti u ammissibbli. Issa jekk kienx hemm xi ksur fil-katina tal-evidenza, jekk dik l-evidenza setatx kienet ikkontaminata, jekk l-konklużjonijiet milħuqa mill-esperti humiex fjakki u dubbjużi, hija kwistjoni ta' fatt li għandha tkun stabbilita unikament fil-kors tal-ġuri meta tibda tinstema x-xiehda f'dan il-każ. Illi allura jekk l-konklużjonijiet milħuqa mill-esperti ma hijiex b'saħħitha biżżejjed għaliex mittiefsa minn xi difett fil-ġbir, preservazzjoni jew eżami tagħha, allura titlef mill-valur probatorju u jkun perikoluż illi min hu imsejjaħ biex jiġġudika l-fatti jistrieħ fuqha sabiex isejjes id-deċiżjoni tiegħu."

17. Illi riferenza għandha ssir ukoll għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Darren Mizzi** (Numru 21/2022) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) saħqet is-segwenti:

> "64. Illi din il-Qorti taderixxi ruħha ma' din il-konsiderazzjoni tal-Qorti Kriminali. Iżżid illi l-prova dwar il-kontinwita' tal-evidenza toħroġ mir-relazzjoni li dawn l-istess esperti ħejjew. Illi fuq kollox kemm Godwin Sammut, kif ukoll, Dr. Marisa Cassar u PC 813

Clinton Vella huma kollha indikati bħala xhieda fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att tal-Akkuża. Għalhekk waqt id-depożizzjoni tagħhom, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, ser ikunu f'pożizzjoni jixhdu dwar l-inkarigu lilhom mogħti, kif ġew elevati l-oġġetti, minn min ġew elevati, fil-presenza ta' min, min issiġġilla din l-evidenza materjali, min għamel l-eżamijiet forensiċi u finalment lil min ġew mgħoddija l-oġġetti wara li l-inkarigu tagħhom kien espletat. B'hekk il-katina tal-evidenza tiġi determinata mill-provi li ser jinġiebu mill-Prosekuzzjoni waqt il-ġuri u imħollija għad-deċiżjoni tal-ġurati dwar il-validità tal-evidenza hekk miġjuba u dan wara li l-istess jiġu indirizzati mill-Imħallef togat u mogħtija d-direzzjoni opportuna. Għalhekk ikun prematur li f'dan l-istadju li fih jinsabu l-proċeduri l-evidenza tiġi sfilzata meta, kif tajjeb ikkonkludiet il-Qorti Kriminali, l-kwistjoni dwar it-traċċabbilita' tal-evidenza għad trid tiġi mistħarrġa u determinata mill-ġurati. Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll qed jiġi miċħud."

18. Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ġie ċitat hawn fuq bil-konsegwenza li t-tielet eċċezzjoni tal-akkużati qed tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

**<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni</u>**

19. Illi fir-raba' eċċezzjoni tagħhom l-akkużati jeċepixxu l-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz mill-atti proċesswali tax-xiehda mogħtija fl-*in genere* minn Elena Zarmescu u Riccardo Andreoli ta' nhar is-6 ta' Diċembru 2022 u l-5 ta' Diċembru 2022 rispettivament u dana peress li jingħad li huma qatt ma ġew prodotti jixhdu quddiem il-Qorti Istruttorja u għalhekk id-difiża ma kellhiex l-opportunita' li tikkonduċi l-kontro-eżami tagħhom u ser ikun hemm tali diffikulta' jekk dawn ma jiġux rintraċċati sabiex jixhdu waqt il-ġuri.

20. Illi dwar l-eċċezzjoni in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal Artikolu 550(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Il-proċess verbal magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża u x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess jew xehdu matul l-inkjesta Maġisterjali ma jistgħux jinġiebu biex jagħtu xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja matul il-kumpilazzjoni."

21. Illi apparti dak li jirriżulta f'Artikolu 550(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie ċitat hawn fuq ikun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-3 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Sammut** (Numru 3/2016) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "F'din l-eċċezzjoni l-akkużat qiegħed jeċepixxi l-inamissibilita' tax-xhud indikat mill-Avukat Ġenerali Jonathan Sammut għaliex dan qatt ma xehed fl-istruttorja u għaliex l-Avukat Ġenerali naqas milli jindika l-iskop tax-xhieda tiegħu. Illi għalkemm ma ġiex speċifikat, kemm mill-Avukat Ġenerali fi l-lista tax-xhieda tiegħu u lanqas mill-akkużat fin-nota tal-eċċezzjonijiet, minn ħarsa lejn l-atti proċesswali jidher illi Jonathan Sammut jiġi hu l-akkużat u x-xhieda ġuramentata tiegħu tista' tinsab fol. 74 et seq. tal-atti proċesswali. Skont Artikolu 550(1) tal-Kodiċi Kriminali jistipula s-segwenti:
>
> > *"Il-proċess verbal magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża u x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess jew xehdu matul l-inkjesta Maġisterjali* ***ma jistgħux jinġiebu biex jagħtu xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja matul il-kumpilazzjoni."***

> Għaldaqstant Jonathan Sammut ma kellux għalxiex jerġa' jixhed quddiem il-Qorti Istruttorja peress li dan kien diġa' xehed quddiem il-Maġistrat Micallef Trigona fl-Inkjesta. Meta jiġi appuntant il-ġuri, Jonathan Sammut ikun jista' jerġa' jiddeponi quddiem il-ġurati."

22. Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat u tapplikah għal każ li għandha quddiemha b'dan illi fir-rigward ta' dik il-parti tal-eċċezzjoni in eżami fejn l-akkużati jagħmlu riferenza għall-possibbilita' li ż-żewġ xhieda barranin imsemmija fl-eċċezzjoni ma jiġux rintraċċati sabiex jixhdu fil-ġuri huwa argument intempestiv. Għaldaqstant ir-raba' eċċezzjoni tal-akkużati qed tiġi miċħuda *in toto.*

**Decide**

23. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-akkużati.

24. Finalment, din il-Qorti tħalli l-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jista' jitressaq skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**